# Il-Mosta fi żmien il-Gwerra 1939 - 45

MINN ANGELO DOUGALL


*Spitfires, ajruplani Ingliżi li ddefendew lil Malta fil-Gwerra*

Fi żmien il-gwerra, fl-1942, kont għadni tifel u dik il-ħabta kont noqgħod għand in-nanniet l-Imdina, refuġjati mill-Isla. Meta kienu saru il-blizzijiet, jiem u ljieli sħaħ, mill-Ġermaniżi fuq l-ajrudrom ta' Ta' Qali sabiex jinnewtrallizawh għall-użu tal-*fighters*, kont noqgħod l-Imdina. Kienet xterdet xniegħa li xi bombi laqtu r-Rotunda u li kienet waqgħet! Meta kienu għaddew xi ftit xhur u l-periklu tal-attakki mill-ajru tal-Ġermaniżi fuq Malta kienu naqsu sewwa, kont, u ma nafx kif, għamilt il-kuraġġ, u għall-kurżità kont tlaqt bil-mixi mill-Imdina sal-Mosta ħalli nara t-tiġrif ta' dak ir-raħal. Kieku daqq xi *air raid* waqt il-mixja tiegħi, u mingħalija kont ma' ħabib tiegħi, konna nidħlu nistkennu f'xi razzett fil-qrib, jew nitgeddsu f'xi gandott tat-triq, jew nistkennu taħt xi siġra. Dari kien hemm triq dritta dritta mill-Imdina għall-Mosta, imma din, tas-Servizzi, kienu għawġuha xi ftit għax riedu jtawlu r-runway ta' l-ajrudrom għall-iSpitfires ħalli jieħdu rankatura itwal sabiex jinqatgħu mill-art. Għalhekk it-triq tal-Mosta twalet xi ftit aktar. Niftakar li sibna raħal b'ħafna bini mwaqqa' u ħafna ħerba u tifrik fih, u kellu dehra ta' desolazzjoni mill-akbar!

U hawn niġi għal dik il-bomba li twaddbet fuq ir-Rotunda li b'miraklu, (temmen jew ma temminx), ma sploditx! Ilni ħafna snin naf li dik il-bomba kbira, esposta għall-pubbliku, fis-Sagristija mhix il-veru waħda, iżda bomba tixbaħha! Dan kien qaluli l-Ispettur Carol M. Saliba (1890-1981), li kont sirt nafu, u sirt ħabib tiegħu fis-St. John's Ambulance Brigade, il-Belt. Fl-aħħar snin ta' ħajtu kien joqgħod il-Mosta, u miet ta' 91 sena. Kien bniedem ta' kuraġġ kbir; fl-1931 ġie dekorat bl-ogħla unur fil-Pulizija għas-servizz tiegħu fil-Malta Police Force bil-King's Police Medal, l-ogħla medalja ta' ġieħ fl-Imperu Britanniku,u din kienet unika li ttieħdet f'Malta. L-Ispettur Saliba kien għamel kors ta' kif jiddifjuża bombi mhux sploduti. Fi żmien il-gwerra kien, l-Ispettur tal-Pulizija fid-Distrett tal-Kottonera, u kien hemm waqt il-blizzijiet tan-Nazi fuq l-H.M.S. *Illustrious*. Wara ġie trasferit għad-Distrett tar-Rabat fejn safa korrut b'bomba *anti-personnel*, u fl-1942 ġie trasferit għad-Distrett tal-Mosta. Għalhekk kien il-Mosta meta saru l-blizzijiet fuq Ta' Qali, u saru ħafna straġi fir-raħal tal-Mosta, meta ntlaqtet il-knisja parrokkjali, ir-Rotunda, u meta saru dawk l-attaki ħorox li fihom inqatlu ħafna nies tar-raħal. Hu stess kien qalli li hu, personalment, kien preżenti waqt it-tneħħija tal-bomba Ġermaniża meta nħarġet minn ġol-knisja, tneħħiet bil-mod u bl-ikbar prekawzjoni mill-Bomb Disposal Unit, fid-9 ta' April, 1942. L-Ispettur Saliba kien qalli li b'xorti tajba l-fuse tal-bomba ma kienx ikkargat. Dan sirna nafuh ftit snin ilu mill-pilota Ġermaniż stess fejn qal li x'ħin lemaħ il-kanuni madwar Ta' Qali, bil-fixla, nesa jixgħel il-*fuse* tal-bomba biex ifittex jitfagħha! Forsi lemaħ il-kanuni tal-Biżbiżija, li kienet magħrufa ħafna dik il-fortizza għall-kanuni qawwija tagħha!

Il-bomba tneħħiet minn ġol-knisja billi s-suldati tal-Bomb Disposal Unit irrumblawha fuq twavel ħoxnin sabiex ma tagħmilx aktar ħsara fil-paviment tal-irħam tal-knisja, u lanqas liċ-ċangatura taz-zuntier. Għabbewha fuq trakk tal-militar u telqu biha lejn Ras Ħanżir, fil-post taħt Kordin, minn fejn għabbewha fuq barkun u ħarġu biha barra l-port u xeħtuha f'*dump* 'il

Għal paġna 17

*Minn paġna 15*

barra ħafna l-port, f'post għal ta' l-apposta għal dan il-għan. L-Ispettur Saliba nnifsu mar mal-bomba fuq it-trakk sa Ras Ħanżir. Wieħed, eks-Surġent Maġġur, ġar tiegħi Birżebbuġa, Karmenu Zammit u li kien fi żmien il-gwerra fis-servizz mar-Royal Engineers - Malta Section, qalli li l-bomba li hemm illum fis-sagristija tal-knisja tal-Mosta kienu tawha huma meta l-Bomb Disposal Unit kien taħt is-Surġent Micallef. Il-bomba tixbaħ ħafna 'l dik li nxteħtet fuq ir-Rotunda. Qabel il-gwerra l-Ingliżi kienu biegħu l-*patent* tal-bomba lill-Ġermaniżi u għalhekk in-Nazi bdew jimmanufatturaw bombi eżatt bħall-bombi Ingliżi.



*Il-Monument tal-Bomba fir-Rotunda*

Ngħid għaliha ma nistax ngħaddi mill-Mosta bla ma niftakar f'dawk il-ħafna nies li sfaw vittmi waqt li kienu mistkennin fix-xelter fi Triq Gafà waqt l-attakk mill-ajru li sar fil-21 ta' Marzu, 1942. Fost il-maqtulin kien hemm Ġorġina, xebba, kuġint missieri, u f'dak ix-xelter kienet korriet gravi, oħtha Ġannina u bintha Tessie.

Ġannina mietet ftit snin wara bil-konsegwenzi tal-blast, waqt li Tessie għadha ssofri sal-lum. Fost il-ftit nies ixxurtjati li salvaw kien hemm Lollie Salafia, li sirt nafu l-Ingilterra. Kien suldat tal-K.O.M.R., stazzjonat fil-Forti Campbell, Selmun. Dak in-nhar kien bil-*leave* u ħadha bil-mixi minn Campbell lejn il-Gżira ħalli jara 'l martu u 'l uliedu. Waqt dak l-attakk tal-blizz mar jistkenn f'dak ix-xelter fi Triq Gafà. B'xorti tajba ħelisha ħafif, wieħed mill-ftit li salvaw. Kien qalli li kellu ħafna x'jagħmel f'dik it-traġedja kbira, iġorr il-vittmi, u jfarraġ lill-midrubin. Wara, qalli, kompla lejn il-Gżira billi sab rikba fuq trakk tal-militar.

ritemix

**General Building Contractors & Suppliers of ready mixed concrete**

**'Gatt House', Triq in-Naġġar, Mosta MST 03 Malta**
**Tel: 410411, 410176, 410443, 419373 Fax: 433028**